



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 12 ta' Ġunju 2018
(OR. en)

9929/18
ADD 1

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0232 (COD)

UD 119
ENFOCUSTOM 122
MI 445
COMER 54
TRANS 253
ECOFIN 594
CODEC 1012

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2018) 442 final, ANNEXES 1 to 2
Suġġett:	ANNESSI tal-Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi l-programm "Dwana" għall-kooperazzjoni fil-qasam tad-dwana

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2018) 442 final, ANNEXES 1 to 2.

Mehmuż: COM(2018) 442 final, ANNEXES 1 to 2



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 8.6.2018
COM(2018) 442 final

ANNEXES 1 to 2

ANNESSI

tal-Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi l-programm "Dwana" għall-kooperazzjoni fil-qasam tad-dwana

{SEC(2018) 295 final} - {SWD(2018) 321 final} - {SWD(2018) 322 final}

ANNESS 1

Lista mhux eżawrjenti ta' forum possibbli ta' azzjoni msemmija fil-punti (a), (b) u (d) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(3)

L-azzjonijiet imsemmija fil-punti (a), (b) u (d) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(3) jistgħu jieħdu l-forom li ġejjin:

- (a) Fir-rigward ta' laqgħat u avvenimenti simili *ad hoc*:
 - Seminars u sessjonijiet ta' ħidma li ġeneralment jattendu għalihom il-pajjiżi kollha u li fihom isiru preżentazzjonijiet u l-parteċipanti jieħdu sehem f'diskussjonijiet intensivi u f'attivitajiet dwar suġġett partikolari;
 - Żjarat ta' ħidma, organizzati biex l-uffiċjali jiksbu jew iżidu l-kompetenza jew l-għarfien tagħhom f'materji doganali;
- (b) Fir-rigward ta' kollaborazzjoni strutturata bbażata fuq il-proġett:
 - Grupp ta' proġett, magħmul ġeneralment minn għadd limitat ta' pajjiżi, li jkun operattiv għal perjodu ta' żmien limitat biex jintlaħaq għan predefinit b'riżultat definit b'mod preċiż li jinkludi l-koordinazzjoni jew il-valutazzjoni komparattiva;
 - Task force, jiġifieri forum strutturati ta' kooperazzjoni, ta' natura permanenti jew mhux permanenti, li tiġbor flimkien il-kompetenzi biex jitwettqu kompiti f'oqsma speċifiċi jew attivitajiet operazzjonali, possibbilment bl-appoġġ ta' servizzi ta' kollaborazzjoni onlajn, ta' assistenza amministrattiva u ta' faċilitajiet ta' infrastruttura u tagħmir;
 - Attività ta' monitoraġġ imwettqa minn timijiet konġunti magħmula minn uffiċjali tal-Kummissjoni u uffiċjali tal-awtoritajiet eliġibbli biex janalizzaw il-prattiki doganali, jidentifikaw id-diffikultajiet fir-regoli ta' implimentazzjoni u, fejn xieraq, jagħmlu suġġerimenti għall-adattament tar-regoli u tal-metodi ta' ħidma tal-Unjoni;
- (d) Fir-rigward tal-azzjonijiet ta' tisħiħ tal-kompetenza umana u tal-kapaċità:
 - Taħriġ komuni jew żvilupp tat-tagħlim elettroniku biex jappoġġaw il-bini tal-ħiliet u l-għarfien professjonali meħtieġa relatati mad-dwana;
 - Appoġġ tekniku, bil-għan li jtejjeb il-proċeduri amministrattivi, isaħħaħ il-kapaċità amministrattiva u jtejjeb il-funzjonament u l-operat tal-awtoritajiet doganali billi jniedi u jaqsam il-prattiki tajba.

ANNESS 2

Indikaturi

Għan speċifiku: appoġġ għat-tħejjija u l-implimentazzjoni uniformi tal-leġiżlazzjoni u l-politika doganali kif ukoll għall-kooperazzjoni doganali u l-bini tal-kapaċità amministrattiva, inkluża l-kompetenza umana, u l-iżvilupp u l-operat tas-sistemi elettroniċi Ewropej għaddwana.

1. Bini tal-Kapaċità (kapaċità amministrattiva, umana u fl-IT):

1. Indiċi tal-applikazzjoni u tal-implimentazzjoni tad-dritt u tal-politika tal-Unjoni (Għadd ta' azzjonijiet rilevanti għall-Programm organizzati f'dan il-qasam u r-rakkomandazzjonijiet maħruġa b'segwitu għal dawk l-azzjonijiet)
2. Indiċi tat-tagħlim (moduli tat-tagħlim użati; għadd ta' uffiċjali mħarrġa; punteġġ ta' kwalità għal kull parteċipant)
3. Disponibbiltà tas-sistemi elettroniċi Ewropej (f'perċentwal ta' ħin)
4. Disponibbiltà tan-Netzwerk Komuni ta' Komunikazzjoni (f'perċentwal ta' ħin)
5. L-użu ta' sistemi elettroniċi Ewropej ewlenin immirati biex iżidu l-interkonnnettività u li jwasslu għal Unjoni Doganali mingħajr l-użu ta' karti (għadd ta' messaġġi skambjati u konsultazzjonijiet imwettqa)
6. Rata ta' tlestija tal-KDU (perċentwal tal-istadji milħuqa għall-implimentazzjoni tas-sistemi tal-KDU)

2. Kondiviżjoni tal-għarfien u networking:

1. Indiċi tar-robustezza tal-kollaborazzjoni (grad ta' networking iġġenerat, għadd ta' laqgħat wiċċ imb wiċċ, għadd ta' gruppi ta' kollaborazzjoni onlajn)
2. Indiċi tal-aħjar prattiki u tal-linji gwida (għadd ta' azzjonijiet rilevanti għall-Programm organizzati f'dan il-qasam; perċentwal ta' parteċipanti li użaw prattika tax-xogħol/linja gwida żviluppata bl-appoġġ tal-Programm)